Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 18/2017

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data u Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. Fit-23 ta' Marzu, 2017, nghatat is-segwenti decizjoni mit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, fl-ismijiet premessi:

"*Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tal-Bank of Valletta plc billi janulla jirrevoka u jhassar d-decizjoni tal-Kummissarju u jordna lis-socjetà appellata sabiex tghaddi l-informazzjoni rikjesti dwar min thallas zejda limitatament bin-numru tal-karta tal-identità u l-indirizz taghhom.*"

2. Dik id-decizjoni nghatat wara li t-Tribunal qal:-

"***<u>Fatti tal-kaz</u>***

*Dan huwa kaz fejn il-Bank appellant dahal fi ftehim mas-socjetà Malta Public Transport Services (Operations) Limited sabiex il-bank jibghat is-salarji tal-impjegati tal-istess socjetà izda gara li minhabba ragunjiet teknici xi whud minnhom spiccaw thallsu darbtejn u kien hemm numru minnhom li rritornaw l-ammont zejjed li rcevew u ohrajn li naqsu li jaghmlu dan. Id-dettalji li ghandu l-bank huwa International Bank Account Number (IBAN), l-isem u kunjom u l-ammont tal-pagament u prezenti lista ta' dawn l-impjegati kollha in kwistjoni. Gara li l-Bank talab id-dettalji ta' dawn l-impjegati lis-socjetà appellata li minn naha taghha talbet il-kunsens tal-Kummissarju izda din giet michuda.*

*Skond l-artikolu 9(2) (f) tal-Kap. 440 data personali tista' tigi processata jekk hija necessarja ghal skop li jikkoncerna interess legittimu tal-kontrollur (f'dan il-kaz is-socjetà appellata) jew ta' terz (l-Bank f'dan il-kaz) lil min data personali nghatat izda f'dan il-kaz limitata ghal iban details u ismijiet tal-impjegati, sakemm dak l-interess jigi maghluq b'kull interess biex jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suggett ta' data.*

*Din l-interpretazzjoni insibu pajjizi fejn jaghtuha interpretazzjoni estensiva bhal fir-Renju Unit u ohrajn fejn jaghtuha interpretazzjoni stretta bhal fil-kaz ta' Spanja li tikkontendi li tali data ghandha tigi uzata biss ghall-iskop originali li ghaliha nghata u xejn aktar.*

*Il-kontrollur jibqa' dejjem is-socjetà appellata u l-interess legittimu taghha u ta' terz huwa li tkun taf id-dettalji dwar dawn in-nies biex tigbor lura l-flus zejda li hallset. Jigi rilevat li s-socjetà appellata baqghet gallarija u ma pprezentat ebda risposta.*

*Issa kif jaf kulhadd mhux kull interess huwa interess legittimu u biex l-interess jigi maghluq kif jitlob l-artikolu 9(f) tal-Kap. 400 dan ma jigi maghluq bl-interess li ma thallix il-kors tal-gustizzja ssir izda b'interess li jrid ukoll legittimu.*

*Hekk per ezempju naraw kif il-kontro-parti tal-Kummissarju appellat fl-Ingilterra fid-dokument mahrug mill-Information Commissioner's Office jispjega tajjeb x'inhu interess legittimu. U dan it-Tribunal qed jikkwota dan verbatim:*

*What is the "legitimate interest" condition?*

*The Data Protection Act recognises that you may have legitimate reasons for processing personal data that the other conditions for processing do not specifically deal with. The "legitimate interests" condition is intended to permit such processing, provided you meet certain requirements.*

*The first requirement is that you must need to process the information for the purposes of your legitimate interests or for those of a third party to whom you disclose it.*

***Example***

*A finance company is unable to locate a customer who has stopped making payments under a hire purchase agreement. The customer has moved house without notifying the finance company of his new address. The finance company engage a debt collection agency to find the customer and seek repayment of the debt. It discloses the customer's personal data to the agency for this purpose. Although the customer has not consented to this disclosure, it is made for the purposes of the finance company's legitimate interests – ie to recover the debt.*

*The second requirement, once the first has been established, is that these interests must be balanced against the interests of the individual(s) concerned. The "legitimate interests" condition will not be met if the processing is unwarranted because of its prejudicial effect on the rights and freedoms, or legitimate interests, of the individual. Your legitimate interests do not need to be in harmony with those of the individual for the condition to be met. However, where there is a serious mismatch between competing interests, the individual's legitimate interests will come first.*

***Example***

*In the above example, it is clear that the interests of the customer are likely to differ from those of the finance company (it may suit the customer quite well to evade paying his outstanding debt). However, passing his personal data to a debt collecting agency in these circumstances could not be called "unwarranted".*

*Finally, the processing of information under these legitimate interests condition must be fair and lawful and must comply with all the data protection principles.*

***Example***

*Continuing the above example, the finance company must ensure that the personal data it passes to the debt collection agency is accurate (for example, in the known details of the customer's identity); that it is up to date (for example, in the amount outstanding and the customer's last known address); and that it is not excessive – the agency should only get as much personal data as is relevant or necessary for the purpose of finding the customer and recovering the debt.*

*Illi ghalhekk dan it-Tribunal ma jistghax jaqbel mal-Kummissarju appellat mal-interpretazzjoni tal-artikolu 9 (f) tal-Kap. 440 u dan ghax jekk isir hekk dan it-Tribunal ikun qed jaghti lok ghal barka tal-abbuz minn dawn l-impjegati liema abbuz zgur li ma kienx l-ghan tal-legislatur u lanqas tal-Unjoni Ewropeja meta dahlet dan is-subartikolu".*

3. Il-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data appella mis-sentenza. L-appell hu bazat fuq l-aggravju li t-Tribunal interpreta l-Artikolu 9(f) b'mod zbaljat fir-rigward ta' x'jikkostitwixxi interess legittimu u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Il-kaz in ezami jitratta zball li sar mill-Bank li qatt ma gie nnegat;

(b) It-Tribunal laqa' l-appell tal-Bank unikament a bazi ta' ezempju fil-linji gwida mahruga mill-Ufficcju tal-Kummissarju tal-Informazzjoni gewwa r-Renju Unit li jitratta specifikatament kaz dwar dejn mhux rikoverat u mhux kawza ta' zball. L-appellant jaddotta l-istess linji gwida f'kazijiet ta' processar ta' *Credit Referencing Agencies,* li jitrattaw specifikatament is-sitwazzjoni fejn ikun hemm bzonn li tigi processata *data* minhabba dejn. L-appellant jesebixxi u jaghmel referenza ghall-punt numru 12 tal-istess linji gwida li jipprovdi:

*"It shall be lawful for CRAs to process personal data in relation to defaulting debts for the purpose of compiling, maintaining and making available a credit information system to their participants whose business activity involves credit relationships and can demonstrate a legitimate interest within the meaning of article 9 (f) of the Act, in making use of such information."*

(c) Kwindi, l-appellant isostni li l-Artikolu 9(f) gie interpretat hazin, peress li l-kaz in ezami huwa manifestament differenti minn dak citat mit-Tribunal, li kien jitratta suggett ta' *data* li ma kienx qed jonora hlas dovut minnu bhala debitur, mentri fil-kaz in ezami, il-persuni kkoncernati mhumiex debituri, izda mpjegati tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited;

(d) L-interpretazzjoni ta' *"interess legittimu"* tat-Tribunal johloq precedent perikoluz fejn kull meta jsir zball minn kontrollur tad-*data* minhabba negligenza, il-kontrollur ikun jista' jikseb *data* personali minn terzi persuni biex jirranga zball li jkun wettaq.

Ghalhekk il-Kummissarju appellant talab li din il-Qorti:

*"(1) Tiddikjara li l-Bank m'ghandux interess legittimu kif mehtieg taht l-Artikolu 9 (f) u jsegwi li ma tistax tigi pprocessata d-data personali mitluba minnu;*

*(2) Taghti dawk l-ordnijiet li tikkunsidra li jkunu xierqa".*

4. Il-Bank appellat wiegeb illi:

(i) l-appell huwa rrit, null u inammissibbli peress li fl-ebda parti ma tintalab ir-revoka jew ir-riforma tas-sentenza appellata;

(ii) it-talbiet maghmula fl-appell huma rriti u nulli peress li ladarba ma ntalbitx ir-revoka jew riforma tas-sentenza, d-decizjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data tat-23 ta' Marzu, 2017, hija ghaddiet in gudikat*;*

(iii) din il-Qorti m'ghandhiex poteri kostituzzjonali, sabiex taghti "kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna" jew "dawk l-ordnijiet li tikkunsidra li huma xierqa", kif mitlub fir-rikors tal-appell u ghalhekk it-talbiet huma wkoll nulli;

(iv) l-appell huwa null u nvalidu peress li l-Artikolu 51 tal-Kap. 440 jitlob li l-appell jista' jsir fuq punt ta' dritt. Kwindi sa fejn il-Kummissarju appellant isostni li, l-interess legittimu japplika f'kazijiet ta' *debt collecting,* izda mhux f'kazijiet ta' zball maghmul minn terz, isegwi li l-appell jissejjes fuq applikazzjoni korretta tal-ligi dwar "*legitimate interest"* ghal fatti differenti, li ma jikkostitwixxix kwistjoni ta' dritt, dan meta mhux moghti appell fuq kwistjoni ta' fatt;

(v) li bl-appell tieghu, l-Kummissarju donnu lest li jikkondona u jkopri nies li immisappropprjaw fondi ta' terzi, meta nkwieta fuq l-interpretazzjoni tat-Tribunal li estenda l-interess legittimu minn *debt collecting* ghal zball genwin, mentri l-appellat isostni li l-interess legittimu jezisti fir-rigward ta' frodi pperpetrat minn terzi, li l-Kummissarju jippreferi jkoprihom milli tinghata nformazzjoni dwar l-identità taghhom, sabiex b'hekk isir komplici fil-frodi, li l-impjegati in kwistjoni jkomplu jgawdu mill-qerq u frodi, billi ma jhallsux lura l-pagament doppju li rcevew bi zball; u

(vi) l-appellat jirreferi ukoll ghall-**Opinion 06/2004 on the notion of legitimate interest of data controller under Article 7 of Directive 95/46EC,** u jsostni li hija dijametrikament opposta ghal dak li jinghad mill-Kummissarju fl-appell tieghu, peress li jishaq li frodi hija raguni valida li tikkostitwixxi interess legittimu. Dan peress li l-izball tekniku tieghu wassal ghal misapproprjazzjoni indebita da parti tal-impjegati, kwindi jargumenta li l-provvedimenti tal-Kap. 440 qatt ma kienu ntizi sabiex jigu ostakolati proceduri kontra min wettaq reat kriminali u min iwettaq tali reat m'ghandux dritt fondamentali ta' privazija, biex jigi protett mill-azzjonijiet tal-vittmi tar-reat ghar-risarciment tal-flus.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. Mill-atti jirrizultaw dawn il-fatti:-

i. L-impjegati ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited jithallsu l-paga taghhom permezz ta' sistema ta' *direct debit transfers* tramite Bank of Valletta plc, fil-varji kontijiet tal-bank li l-istess impjegati volontarjament ipprovdew ghal dan il-ghan, kif wara kollox hija n-norma f'diversi postijiet tax-xoghol. L-informazzjoni li kienet mghoddija lill-Bank kienet limitata ghall-isem tal-impjegat u n-numru tal-kont fejn isir il-hlas tal-paga.

ii. Wara li fis-17 ta' Jannar, 2014, il-Bank appellat qaleb minn sistema ta' pagamenti ghal dik gdida, msejha *Single European Payments Area (SEPA),*

ghamel numru ta' hlasijiet doppji lil numru ta' impjegati minhabba zball tekniku, da parti mill-istess Bank u kien hemm numru ta' mpjegati li thallsu ammont ta' flus li ma kienx dovut lilhom. It-total ta' hlasijiet doppji kien ilahhaq is-somma ta' €181,567.45.

iii. F'ezercizzju maghmul sabiex il-bank jirkupra l-flus li thallsu bi zball, huwa pprepara numru ta' ittri li gew indirizzati lill-haddiema kkoncernati, li fil-fatt tqassmu lill-impjegati mill-istess Malta Public Transport Services (Operations) Limited, sabiex jirrifondu l-flus li ma kinux dovuti lilhom. Permezz ta' dan l-isforz, il-bank irnexxielu jigbor is-somma ta' €127,175.01.

iv. Fadal 124 kaz ta' persuni li ma hallsux lura l-ammont li kienu rcevew hlas doppju u s-somma ta' €54,392.44, baqghet ma ngabritx. Ghalkemm il-Bank ghandu dritt skont il-ligi jitlob hlas lura ta' dak dovut lilu, ma jistax jaghmel dan, peress li l-bank m'ghandux informazzjoni sabiex javvicina l-istess haddiema direttament. Dawn l-individwi ghandhom il-kontijiet taghhom ma' banek ohra u ghalhekk il-bank appellat m'ghandux access ghall-informazzjoni bhall-indirizzi jew numri tal-karta tal-identità.

v. Il-Bank of Valletta plc talab lil Malta Public Transport Services (Operations) Limited sabiex jinghata d-dettalji mehtiega u b'hekk jkun jista' jiehu l-azzjoni legali opportuna sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu.

vi. Il-Malta Public Transport Services (Operations) Limited, filwaqt li gharfet l-interess tal-bank fit-talba maghmula, fil-25 t'April, 2014, talbet parir tal-Kummissarju ghall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data, dwar kellhiex tghaddi dettalji tan-numri tal-karta ta' l-identità tal-istess impjegati taghha.

vii. Fl-14 ta' Mejju, 2014, il-Kummissarju appellant ta t-twegiba fin-negattiv, meta qal:

> "*... this Office regrets to inform you that the above mentioned processing operation cannot be endorsed.* ***The reason for this is that the Malta Public Transport Services (Operations) Limited has no legal basis in terms of the Data Protection Act, to disclose the said data to Bank of Valletta plc***".

viii. Il-Bank appella d-decizjoni tal-Kummissarju quddiem it-Tribunal tal-Appell dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data.

6. Jigi pprecizat li dan l-appell sar *a tenur* tal-Artikolu 51 tal-Kap. 440 tal-Ligijiet ta' Malta (qabel ma dan l-Att kien imhassar permezz tal-Att Numru XX ta' din is-sena). Il-hsieb ewlieni wara l-ligi hi t-tutela tal-privatezza tal-persuna fl-ipprocessar ta' *data* personali. Principju li mhuwiex assolut, tant li l-istess ligi u regolamenti ohra jipprovdu ghal certi eccezzjonijiet ghar-regoli generali. Bhal tali, "*the proper approach is to construe them narrowly*" (***Data Protection Law and Practice,***

**Rosemary Jay u Angus Hamilton, Sweet & Maxwell, Second Edition, 2003, p. 370).**

7. Il-ligi applikabbli hi principalment bazata fuq id-Direttiva 95/46/EC. L-artikolu 9(f) tal-Kap. 440 kien jipprovdi:

"***9***. *Id-data personali jistghu jkunu processati biss jekk:*

*(f) l-ipprocessar ikun mehtieg ghal xi skop li jolqot l-interess legittimu tal-kontrollur jew dawk ta' terzi li lilhom jkunu gew ipprovduti d-data personali, hlief meta dak l-interess jigi meghlub b'kull interess biex jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suggett ta' data u partikolarment id-dritt ghal privatezza.*"

Disposizzjoni li tahseb ghal tliet elementi essenzjali:

(i) li l-processar ikun mehtieg (*necessary*);
(ii) li jigi identifikat interess legittimu; u
(iii) li jkun hemm bilanc bejn dawn iz-zewg elementi u d-dritt fundamentali ta' l-individwu ghall-privatezza.

9. Izda fl-ewwel lok iridu jigu decizi l-eccezzjonijiet preliminari li qajjem l-appellat.

10. L-ewwel eccezzjoni hi li l-appell hu null ghaliex fir-rikors tal-appell ma ntalbitx ir-revoka jew riforma tas-sentenza. Eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 142(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), li jipprovdi:-

"*142 (2) Ir-rikors ghandu jkun fih t-talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza appellata jew ta' xi parti minnha.*"

11. It-talba fir-rikors tal-appell taqra:

*"Ghaldaqstant, il-Kummissarju filwaqt li jirrizerva dawk il-provi u sottomissjonijiet li jigu permessi lilu minn dina l-Onorabbli qorti, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportun, u ghar-ragunijiet fuq premessi jew li jirrizultaw tul it-trattazzjoni ta' dan l-appell:*

1. *Tiddikjara illi l-Bank m'ghandux interess legittimu hekk kif rikjest minn l-artikolu 9(f) u ghalhekk ma tistax tigi processata d-data personali rikjesta minnu.*
2. *Taghti dawk l-ordnijiet li tikkunsidra li jkunu xierqa".*

12. Din il-Qorti f'sentenza tat-12 ta' Marzu, 2010, fil-kawza **Joseph Buttigieg et v. Malcolm J. Naudi et nominee** (appell numru:159/2007/1), qalet:

*"M'hemmx dubju illi r-rikors introduttiv ta' l-appell hu karenti minn dan l-element essenzjali ghall-kwalifikazzjoni tieghu bhala att inkwadrabbli fil-fattispeci guridika skond il-predett Artikolu 142(2). Dan fis-sens li hu priv ghal kollox mid-determinazzjoni ta' l-oggett ta' l-appell u dan jirrendih improducibbli ta' effetti processwali (tamquam non esset);*

*Il-Kodici ta' Procedura jipprovdi fl-Artikolu 789 (1) tieghu erba' ipotesijiet fejn tista' tinghata l-eccezzjoni tan-nullita` ta' atti gudizzjarji. Fost dawn, dak li l-aktar jinteressa mill-qrib in-nullita` hawn prospettata mill-konvenuti appellati hi l-inciz (d) tieghu ghal kaz fejn l-att "ikun nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi". Is-sentenza tal-Prim' Awla, Qorti Civili ta' l-14 ta' Mejju, 1970 fl-ismijiet "**Victor Henry Debono et -vs- Onor. Dottor Vincent Tabone nomine**", per Imhallef Maurice Caruana Curran, tikkwalifika din in-nullita` bhala wahda virtwali u evidentement ta' gravita` ferm superjuri, tant li hi rilevabbli anke ex officio mill-Qorti;*

*Premess dan, jigi osservat illi l-ligi fil-predett Artikolu 789 (1) ma tieqafx fis-semplici elenku ta' l-ipotesijiet tan-nullita` in kwantu tahseb ukoll bil-proviso ghalih, introdott bl-Att XXIV ta' l-1995, illi n-nullita` eccepita, wkoll dik taht is-subinciz (d), "ma tkunx tista` tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi";*

*In ottemperanza ghal dan il-proviso l-Qorti ezaminat id-dixxiplina generali tal-korrezzjoni taht l-Artikolu 175(2) pero` hi tal-fehma illi dan il-provvediment ma seta' jkun ta' ebda ghajnuna ghall-qaghda ta' l-appellanti ghaliex hawn non si tratta ta' semplici zball fl-iskrittura ta' l-appell li jista' jissewwa izda minn ommissjoni kompleta ta' l-oggett tat-talba, u, allura, tar-raggungiment ta' l-iskop volut mill-appellanti ghal liema introducew l-appell. Il-Qorti lanqas ma tara illi l-istess skrittura kienet salvabbli taht l-inciz (5) ta' l-Artikolu 143 tal-Kodici ghaliex is-sens ta' dan il-provvediment jipresupponi qabel kollox illi r-rikors introduttiv ikun tabilhaqq jikkontjeni t-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil predisposta fl-Artikolu 142(2), u dan hawnhekk ma huwiex il-kaz ghaliex talba bhal dik lanqas biss giet proposta;*

*Iddur fejn iddur, fil-hsieb profess tal-Qorti, ebda rimedju ma kien jidher possibbli jew permissibbli ghar-ri-empiment tal-lakuna lampanti ommessa, sija jekk bi zvista, b'dizattenzjoni jew b'negligenza u tali qaghda ma setghetx hlief taghmel l-appell mhux suxxettibbli ta' sanatorja;*

F'dak l-appell, fir-rikors ma saritx talba u kull ma kien jinghad fl-ahhar parti tieghu kien:

*"Daqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett ghall-attenzjoni superjuri u aktar ghaqlija ta' dina l-Onorabbli Qorti".*

13. Hu ovvju li fir-rikors tal-appell in ezami, ma saret l-ebda talba ghar-revoka tad-decizjoni tat-Tribunal. L-artikolu 789(1)(d) jipprovdi li eccezzjoni ta' nullita ta' att gudizzjarju tista' tinghata:

*"jekk l-att ikun nieqes minn xi **partikolarita' essenzjali** espressament mehtieg mil-ligi".*

L-artikolu 142 tal-Kap. 12 jezigi li jkun hemm talba ghat-thassir jew tibdil tas-sentenza. F'dan il-kaz hemm biss talba sabiex il-qorti tiddikjara li l-bank m'ghandux interess legittimu u ghalhekk ma tistax tigi processata d-*data* personali li talab. It-tieni talba hi evidentement konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Inoltre, il-kliem *"prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna"* mhuwiex il-kliem li trid il-ligi.

14. Nullita bhal dik kontemplata f'paragrafu (d) ma tkunx tista' tinghata, *"... jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-*

*ligi”*. L-appellant ma talabx li ssir korrezzjoni u mhemm l-ebda ordni f’dak is-sens qabel inghatat is-sentenza. Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ta’ nullita’ tal-appell ser tintlaqa’.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara l-appell null bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.